**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 300/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partjiet kienu zzewgu fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (04/10/2010) gewwa Malta;
2. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment mis-sena 2012 fejn il-partijiet isseparaw de facto u ghalhekk il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn 4 snin;
3. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntatt tas-separazzjoni taghhom datat 29 ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax, fl-atti tan-Nutar Dr William Azzopardi, kopja hawn annessa u immarkata bhala 'Dokument A';
4. Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess;

5. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur u l-avukata sottoskritta spjegat dan skont l-Artikolu 66G tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi r-rikrorenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet ghar-ragunijiet hawn imsemmija sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fl-4 ta' Gunju 2010 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikkolu 66A(1) tal-Kapitolu 16;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Lulju 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Dicembru 2014 u li ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna

lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.